



Brussell, 12 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10170/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0400 (COD)**

CODEC 1019	CHIMIE 58
INST 250	AGRILEG 110
JUR 291	IND 160
CLIMA 179	COMPET 488
TELECOM 161	MAP 13
DEVGEN 130	POLARM 6
EMPL 363	COARM 153
SOC 472	CSDP/PSDC 311
ENER 281	CFSP/PESC 508
ENV 599	CONSOM 254
STATIS 32	SAN 248
ECOFIN 525	JUSTCIV 145
DRS 40	AVIATION 88
EF 123	TRANS 262
MI 489	MAR 125
ENT 150	UD 150

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 5623/17 + ADD 1 REV 1	
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - Rapport ta' Progress tal-Presidenza

I. INTRODUZZJONI

1. Fiż-żmien l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li terġa' teżamina d-dispożizzjonijiet marbutin ma' din il-proċedura, sabiex meta jasal iż-żmien tadattahom skont il-kriterji stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'konformità ma' dan l-impenn, il-Kummissjoni għamlet tliet proposti leġislattivi ta' allinjament orizzontali fl-2013 (Omnibus I, II u III)¹. Madankollu, minħabba l-istaġnar fin-negozjati interistituzzjonali dwar dawn il-fajls, il-Kummissjoni rtirathom², kif kienet ħabbret fil-Programm ta' Hídma tagħha³ tal-2015.
2. Fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁴ (minn hawn 'il quddiem "il-FII"), *"it-tliet Istituzzjonijiet [irrikonoxxew il-Jhtieġa għall-allinjament tal-leġislazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju."*⁵

¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2013) 451 final); Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2013) 452 final); Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2013) 751 final).

² (2015/C 80/08), ĠU C 80, 7.02.2015, p. 17.

³ COM(2014) 910 final

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

⁵ Ibid, punt 27.

3. Il-Proċedura Regolatorja bi Skrutinju (minn hawn 'il quddiem "PRS"), għadha tidher f'għadd ta' atti bażiċi eżistenti u ser tkompli tapplika (f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 182/2011) f'dawk l-atti sakemm jiġu formalment emendati u adattati għat-Trattat ta' Lisbona. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ Proposti li jkopru l-adattament tal-atti kollha li fadal għat-Trattat ta' Lisbona, li għadhom jirreferu għall-PRS. COM(2016) 799⁶ tipproponi l-adattament ta' 168 att li jkopru 13-il taqsima differenti, filwaqt li COM(2016) 798⁷ tipproponi l-adattament ta' tliet atti fil-qasam tal-Ġustizzja. Atti li jirreferu għall-PRS li attwalment huma soġġetti għal reviżjoni separata jew li għalihom hija prevista reviżjoni, mhumiex inklużi fil-Proposti⁸. It-teknika tikkonsisti minn emendi testwali għal kull setgħa.
4. Il-proposti nħarġu mill-Kummissjoni bl-Ingliż fl-14 ta' Diċembru 2016, filwaqt li l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra nħarġu għal COM(2016) 799 fis-7 ta' Marzu 2017 u għal COM(2016) 798 fit-13 ta' Marzu 2017.
5. Sabiex jinżamm livell adatt ta' koordinazzjoni u konsistenza tal-approċċ, il-Presidenza Maltija ddeċidiet li tattiva l-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza biex jeżamina l-proposti u jivvaluta, għal kull att legali kkonċernat, l-adattament propost mill-Kummissjoni. Il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza ("Adattament tal-PRS") ġie attivat mill-COREPER fl-1 ta' Frar 2017⁹.

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dokument 5623/17 + ADD 1 REV 1

⁷ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dokument 5705/17 + ADD 1

⁸ Il-Kummissjoni pprovdiet lista ta' dawn l-atti fil-punt 3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni ta' COM(2016) 799 final.

⁹ Dok. Sec 5707/17

6. Il-Ħbieb tal-Presidenza (Adattament tal-PRS) (minn hawn 'il quddiem "HtP") bdew diskussjonijiet formali dwar COM(2016) 799 (minn hawn 'il quddiem, "il-Proposta għall-Adattament tal-PRS"), fl-20 ta' Marzu 2017. Ħames laqgħat tal-HtP kienu ddedikati lid-diskussjonijiet dwar il-Proposta għall-Adattament tal-PRS fl-20 ta' Marzu, is-7 ta' April, it-2 ta' Mejju, id-29 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2017.
7. Il-Kunsill ikkonsulta l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat tar-Regġuni fit-13 ta' Marzu 2017. Fl-24 ta' April 2017, il-BĊE wiegħeb lill-Kunsill li mhuwiex biħsiebu jippreżenta opinjoni dwar il-proposti tal-Kummissjoni u l-KESE ppreżenta l-opinjoni tiegħu fit-2 ta' Ġunju 2017.
8. Il-Presidenza Maltija ffokat il-ħidma tagħha fuq l-Artikoli Ġenerali, kif ukoll fuq 10 taqsimiet minn 13 tal-Anness, jiġifieri:
 - I. Tibdil fil-Klima
 - II. In-Netzwerks ta' Kommunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija
 - III. L-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili
 - IV. L-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni
 - V. L-Enerġija
 - VI. L-Ambjent
 - VII. L-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali
 - VIII. Is-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs
 - IX. Il-Ġustizzja u l-Konsumaturi
 - X. It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

9. Minħabba l-volum tal-Proposta għall-Adattament tal-PRS, qabel kull laqgħa tal-HtP, il-Presidenza Maltija talbet lid-delegazzjonijiet biex jagħtu l-pożizzjoni tagħhom abbażi ta' valutazzjoni legali pprovduta mill-Presidenza, bil-kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK), filwaqt li jivvalutaw jekk kull setgħa li tinsab fil-proposta tal-Kummissjoni rigward it-Taqsimiet inkwistjoni, hijiex aċċettabbli mil-lat legali. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti bil-miktub.
10. Il-laqgħat iffokaw fuq id-dispożizzjonijiet li għalihom id-diskussjoni tqieset meħtieġa. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li dwarhom kien hemm appoġġ ġenerali għall-valutazzjoni inizjali tal-Presidenza fil-kummenti bil-miktub, ma saret ebda diskussjoni matul il-laqgħat¹⁰. Wara kull laqgħa, il-Presidenza reġgħet lura għand id-delegazzjonijiet b'suġġerimenti għall-abbozzar għal emendi li kienu meħtieġa wara l-konklużjonijiet proviżorji li ttieħdu matul il-laqgħat abbażi tal-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet, kemm bil-miktub kif ukoll fil-laqgħat tal-HtP.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAT-TLIET ARTIKOLI ĠENERALI

11. Fir-rigward tal-Artikoli Ġenerali tal-Proposta għall-Adattament tal-PRS, jiġifieri l-Artikoli minn 1 sa 3, l-ebda Stat Membru ma kellu kummenti dwar it-tliet artikoli prinċipali u għalhekk il-Presidenza kkonkludiet li kien hemm qbil biex tipproċedi billi ma tintroduċi l-ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.

¹⁰ Għalkemm l-Istati Membri setgħu jżidu dispożizzjonijiet speċifiċi li ma kinux proposti għad-diskussjoni fit-tmiem ta' kull Taqsima.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ANNESS

TAQSIMA I - AZZJONI KLIMATIKA:

12. **Att 1**, id-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju: l-Istati Membri qablu li dan l-att jitneħħa mill-proposta għall-adattament tal-PRS peress li qed jiġi emendat bi proposta separata (COM(2016) 789 final).
13. **Att 2**, id-Deċiżjoni 406/2009/KE dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020: L-Istati Membri qablu li jipposponu d-diskussjonijiet dwar l-att. Ir-raġuni hija li ma jixtiqux li jippreġudikaw id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi għall-perijodu 2021-2030 (COM(2016) 482 final/2), li jinkludi setgħat simili.
14. **Att 3**, ir-Regolament 1005/2009 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu: Għal ħafna mis-setgħat proposti mill-Kummissjoni, id-delegazzjonijiet urew preferenza ċara għal atti delegati (AD). Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li d-delega tas-setgħa għandha tiġi limitata għal ħames snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid taċitu skont l-Għażla Nru 2 tal-FII ta' April 2016 (Għażla Nru 2). Għal xi setgħat oħra, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li ser terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti atti ta' implimentazzjoni (AI) jew biex jitneħħew tali setgħat.
15. Fit-28 ta' April 2017, il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu l-bidliet deskritti hawn fuq għat-Taqsima I, Azzjoni Klimatika, u d-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw il-kummenti tagħhom. B'kont meħud ta' rakkomandazzjoni speċifika għall-abbozzar dwar l-Att 3, b'mod partikolari l-premessa tiegħu u l-Artikoli 23 u 24, il-Presidenza nnutat l-appoġġ tal-Istati Membri għas-suġġerimenti għall-abbozzar kif ippreżentati lid-delegazzjonijiet fit-28 ta' April 2017.

TAQSIMA II – IN-NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, IL-KONTENUT U T-TEKNOLOĠIJA

16. **Att 4**, Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika: Dan l-Att ġie sostitwit bi proposta separata (COM (2017) 10 final) u għalhekk il-Presidenza kkonkludiet li jitneħħa dan l-Att mill-eżerċizzju ta' adattament tal-PRS.
17. **Att 5**, Regolament (KE) Nru 733/2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Qasam tal-Ogħla Livell .eu: Kien hemm qbil ġenerali mal-ġhoti ta' setgħat proposti mill-Kummissjoni għal AD. Barra minn hekk, il-Presidenza kkonkludiet b' mod proviżorju li d-delega għandha tkun limitata għal 5 snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid taċitu (Għażla 2).
18. **Att 6**, Deċiżjoni Nru 626/2008/KE dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (Deċiżjoni dwar l-MSS): Billi ma kien hemm l-ebda kumment mill-Istati Membri, ma ġiet issuġġerita l-ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.
19. Fit-28 ta' April 2017, il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu l-bidliet deskritti hawn fuq għat-Taqsima II, In-Netwerks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija u d-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Filwaqt li nnotat l-appoġġ wiesa' tal-Istati Membri għall-formulazzjoni proposta, il-Presidenza qieset li ma kinux meħtieġa bidliet oħra.

TAQSIMA III – L-GĦAJNUNA UMANITARJA U L-PROTEZZJONI ĊIVILI

20. Fir-rigward tat-Taqsima III, wara li eżaminat il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri mressqin fil-kummenti bil-miktub tagħhom, il-Presidenza kkonkludiet li kien hemm qbil sabiex timxi "l-quddiem billi ma tintroduċi l-ebda emenda għall-proposta mill-Kummissjoni.

21. Billi l-atti taħt it-Taqsima IV għandhom struttura simili, il-kummenti orizzontali ġew diskussi waqt il-laqgħa tal-ĦtP u l-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju kif ġej:
- a) l-ġhoti tas-setgħat taħt din it-taqsima għandu jiġi definit aktar.
 - b) id-delega tal-poter għandha tkun limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
 - c) il-prattika attwali li jiġi kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għandha tinżamm.
22. **Att 8**, Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol: Kien meqjus adegwat li jiġihassar l-ġhoti ta' setgħat propost mill-Kummissjoni taħt dan l-att minħabba li dan imur lil hinn mill-iskop ta' allinjament mat-Trattat ta' Lisbona.
23. **Att 9**, Direttiva 89/654/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
24. **Att 10**, Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
25. **Att 11**, Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.

26. **Att 12**, Direttiva 90/270/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
27. **Att 13**, Direttiva 92/29/KEE dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
28. **Att 14**, Direttiva 92/57/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
29. **Att 15**, Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
30. **Att 16**, Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE li tikkonċerna l-ħtiġijiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.

31. **Att 17**, Direttiva tal-Kunsill 92/104/KEE li tikkonċerna l-ħtiġijiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
32. **Att 18**, Direttiva 93/103/KE li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-għoti tas-setgħat li jiġu adottati AD.
33. **Att 19**, Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE dwar il-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq ix-xogħol: Kien hemm qbil ġenerali mal-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk l-emendi orizzontali msemmija hawn fuq biss tqiesu bħala meħtieġa b'rabta ma' dan l-att.
34. **Att 20**, Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
35. **Att 21**, Direttiva tal-Kunsill 1999/92/KE dwar il-ħtiġijiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju mill-atmosferi splussivi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-għoti tas-setgħat li jiġu adottati AD.

36. **Att 22**, Direttiva 2000/54/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-ġhoti tas-setgħat fir-rigward tal-Annessi I, V, VI, VIII u IX. Il-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta AD biex temenda l-Annessi II, III, IV u VII inżammet filwaqt li tneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
37. **Att 23**, Direttiva 2002/44/KE dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
38. **Att 24**, Direttiva 2003/10/KE dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
39. **Att 25**, Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.

40. **Att 26**, Direttiva 2006/25/KE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD filwaqt li jitneħħew ir-referenzi għall-proċedura ta' urġenza.
41. **Att 27**, Direttiva 2009/104/KE li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-għoti tas-setgħat li jiġu adottati AD.
42. **Att 28**, Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol: Kien hemm qbil ġenerali mal-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk l-emendi orizzontali msemmija hawn fuq biss tqiesu bħala meħtieġa b'rabta ma' dan l-att.
43. Fit-12 ta' Mejju 2017, il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu l-bidliet deskritti hawn fuq għat-Taqsima IV, L-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u d-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Filwaqt li nnotat l-appoġġ wiesa' tal-Istati Membri għall-formulazzjoni proposta, il-Presidenza qieset li ma kinux meħtieġa bidliet oħra.

44. **Att 29**, Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali: Ġie kkunsidrat li d-diskussjoni dwar dan l-Att fl-eżerċizzju ta' adattament tal-PRS għandha tiġi posposta sakemm ikun hemm aktar ċarezza dwar in-negozjati li għaddejjin dwar il-proposti legiſlattivi fis-settur tal-elettriku, li huma parti mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha.
45. **Att 30**, Regolament (KE) Nru 715/2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali: Ġie kkunsidrat li d-diskussjoni dwar dan l-Att fl-eżerċizzju ta' adattament tal-PRS għandha tiġi posposta sakemm ikun hemm aktar ċarezza dwar in-negozjati li għaddejjin dwar il-proposti legiſlattivi fis-settur tal-elettriku, li huma parti mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha.
46. **Att 31**, Regolament (KE) Nru 1222/2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenżjali oħra: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġoti tas-setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).
47. Fid-19 ta' Mejju 2017, il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu l-bidliet deskritti hawn fuq għat-Taqsima V, l-Enerġija, u d-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Filwaqt li nnotat l-appoġġ wiesa' tal-Istati Membri għall-formulazzjoni proposta, il-Presidenza qieset li ma kinux meħtieġa bidliet oħra.

48. **Att 32**, Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-ġhoti tas-setgħat li jiġu adottati AD.
49. **Att 33**, Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD b'rabta mal-Annessi I, II u II, filwaqt li jinżamm l-ġhoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD b'rabta mal-Anness IV u V, bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).
50. **Att 34**, Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOC) li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġhoti tas-setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).

51. **Att 35**, Id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT): Għal dan l-att li fih għoti ta' setgħa waħda biss lill-PRS, il-Kummissjoni pproponiet Atti Delegati. Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-Proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi Atti ta' Implimentazzjoni.
52. **Att 36**, dwar id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, minħabba li l-Kummissjoni ser tippreżenta reviżjoni REFIT ta' din id-Direttiva fl-aħħar tliet xhur tal-2017: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li dan l-Att għandu jiġi pospost sakemm tinkiseb aktar ċarezza dwar ir-reviżjoni REFIT.
53. **Att 37**, id-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw: Din id-Direttiva bħalissa qed tiġi emendata bħala parti mill-pakkett tal-ekonomija ċirkolari (COM/2015/0593 final). B'rabta ma' dan, il-Presidenza kkonkludiet li l-Att ser jitneħħa mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ser jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent li jittratta l-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari.
54. **Att 38**, id-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jitħassar l-għoti ta' setgħat li jiġu adottati AD b'rabta mal-Annessi III u V, filwaqt li jinżamm l-għoti ta' setgħat li jiġu adottati AD b'rabta mal-Anness I, bid-delega ta' setgħat limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2). Għall-għoti ta' żewġ setgħat oħrajn, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi Atti ta' Implimentazzjoni.
55. **Att 39**, id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).
56. **Att 40**, id-Direttiva 2004/42/KE dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' komposizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid ta' vetturi Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat li jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).

57. **Att 41**, id-Direttiva 2004/107/KE dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jħassru l-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD.
58. **Att 42**, id-Direttiva 2006/7/KE dwar l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma għall-għawm: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2). Għall-għoti ta' setgħat ieħor, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi Atti ta' Implimentazzjoni.
59. **Att 43**, id-Direttiva 2006/21/KE dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD biex l-Annessi jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2); il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jħassru l-għoti ta' setgħat l-oħra li jiġu adottati AD.
60. **Att 44**, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jħassru l-għoti tas-setgħat li jiġu adottati AD.
61. **Att 45**, ir-Regolament 166/2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat li jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).
62. **Att 46**, id-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi Atti ta' Implimentazzjoni għall-għoti ta' erba' setgħat u biex jitneħħa l-għoti ta' setgħa oħra li tiġi emendata d-deskrizzjoni tat-temi eżistenti tad-data

63. **Att 47**, id-Direttiva 2007/60/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jħassru l-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD.
64. **Att 48**, id-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jħassru l-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD.
65. **Att 49**, id-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD biex jiġu emendati l-Annessi III, IV u V, bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2); u li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-Proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI għall-għoti taż-żewġ setgħat l-oħra.
66. **Att 50**, ir-Regolament (KE) 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2); u reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar biex jiġi speċifikat li għoti ta' setgħa waħda mhux ser jibqa' jintuża biex jinżied Anness, iżda biex jiġi emendat l-Anness li ġie adottat reċentement.
67. **Att 51**, id-Direttiva 2009/126/KE dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).

68. **Att 52**, id-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jħassru l-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD.
69. **Att 53**, ir-Regolament (KE) 1221/2009 dwar il-parteciġazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2) għal xi għoti ta' setgħat; u Atti ta' Implimentazzjoni għal xi oħrajn.
70. **Att 54**, ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-Proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI għall-għoti ta' żewġ setgħat; u li kien hemm qbil li jinżamm l-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD biex jiġu emendati l-Annessi bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2).
71. Fid-19 ta' Mejju 2017 il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu l-bidliet deskritti hawn fuq għat-Taqsima VI, l-Ambjent, u d-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Wara li vvalutat il-kummenti li waslulha mingħand l-Istati Membri, il-Presidenza tqis li ma hi meħtieġa ebda bidla oħra.

TAQSIMA VIII — L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA, IS-SERVIZZI FINANZJARJI u L-UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI

72. **Att 79**, ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-Proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi Atti ta' Implimentazzjoni.
73. **Att 80**, Direttiva tal-Kunsill 2009/110/KE dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenżjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD li jemendaw id-Direttiva, bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla Nru 2); u li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI, għall-għoti ta' setgħat l-oħra.

74. Il-Preżidenza għandha l-għan li tiċċirkola dalwaqt is-suġġerimenti meħtieġa għall-abbozzar li jirriflettu l-bidliet deskritti hawn fuq dwar it-Taqsima VIII.

TAQSIMA IX – SUQ INTERN

75. **Att 81**, id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers: Il-Preżidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
76. **Att 82**, id-Direttiva tal-Kunsill fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel: Il-Preżidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
77. **Att 83**, id-Direttiva dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE: Il-Preżidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD biex temenda l-Anness bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2); u li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI għall-għoti ta' setgħat l-ieħor.
78. **Att 84**, id-Direttiva 84/67/KE dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz: Il-Preżidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD biex temenda l-Anness II bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2); u li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI għall-għoti ta' setgħat l-ieħor.

79. **Att 85**, id-Direttiva 2000/14/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
80. **Att 86**, ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 dwar il-fertilizzanti: Il-Kummissjoni pproponiet li jitħassar dan ir-Regolament fil-Proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 (COM/2016/0157 (Artikolu 47)) u għalhekk dawn l-għotjiet ta' setgħat għandhom jiġu sostitwiti. Għal din ir-raġuni, tqies li r-Regolament 2003/2003 għandu jitneħħa mill-Proposta għall-Adattament tal-PRS.
81. **Att 87**, id-Direttiva 2004/9/KE dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji (GLP): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
82. **Att 88**, id-Direttiva 2004/10/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
83. **Att 89**, id-Direttiva 2006/42/KE dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2) għal għoti ta' setgħat wieħed u AI għal ieħor.

84. **Att 90**, id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.
85. **Att 91**, ir-Regolament Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni: Għal dan l-Att, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li tneħħih mill-Eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tad-diffikultajiet espressi mill-Istati Membri fir-rigward ta' dawn l-għotjiet ta' setgħat. Dan ser ikollu jiġi ttrattat b'mod individwali u mhux bħala parti mill-eżerċizzju ta' adattament.
86. **Att 92**, id-Direttiva 2009/34/KE dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
87. **Att 93**, id-Direttiva 2009/43/KE l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li f'dan l-istadju ma tippromponix bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD, madankollu, id-delega ta' setgħat ser tkun limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2) u l-proposta biex tintuża l-proċedura ta' urġenza ser titneħħa.
88. **Att 94**, id-Direttiva 2009/48/KE dwar is-sikurezza tal-ġugarelli: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħat limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2) għall-għotjiet ta' setgħat kollha għajr l-għoti ta' setgħat li temenda l-Anness I, fejn ser terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi jitħassar dak l-għoti ta' setgħat.

89. **Att 95**, ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
90. **Att 96**, Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
91. **Att 97**, id-Direttiva 2009/125/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija: Għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati rekwiżiti għall-ekodisinn, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI. Għall-għoti ta' setgħat l-ieħor, wara riflessjoni ulterjuri wara l-laqgħa, il-Presidenza pproponiet li jiġihassar billi l-perijodu ta' żmien applikabbli għall-użu tal-għoti ta' setgħat kien għadda.
92. **Att 98**, ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom: Billi d-diskussjonijiet dwar l-għotjiet ta' setgħat taħt dan l-Att jistgħu jippreġudikaw id-diskussjoni dwar il-fajl Euro 5/6 (Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 - COM(2014) 28 final), id-diskussjoni dwar dan l-Att ġiet posposta għal stadju aktar 'il quddiem.

93. **Att 99**, ir-Regolament (KE) 1223/2009 dwar il-prodotti kożmetiċi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġħoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2)) għal uħud minnhom. Għal xi għotjiet ta' setgħat oħra, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li ser terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI jew biex jitneħħa l-ġħoti ta' setgħat.
94. Il-Presidenza għandha l-għan li tiċċirkola dalwaqt is-suġġerimenti għall-abbozzar meħtieġa li jirriflettu l-bidliet deskritti fit-Taqsima IX, is-Suq Intern.

TAQSIMA X: ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

95. **Att 100**, id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġħoti ta' setgħat biex jiġu adottati l-AD, filwaqt li tinżamm il-proċedura ta' urġenza. Barra minn hekk, il-kummenti orizzontali li applikaw għat-Taqsima IV: l-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni applikaw ukoll għal dan l-att.
96. **Att 101**, id-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-ġħoti ta' setgħat biex jiġu adottati AD bid-delega ta' setgħa limitata għal ħames snin b'tiġdid taċitu (Għażla 2).
97. Il-Presidenza għandha l-għan li tiċċirkola dalwaqt is-suġġerimenti għall-abbozzar dwar it-Taqsima X, Ġustizzja u Konsumaturi.

TAQSIMA XIII: IT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI

98. **Att 168**, id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil biex jimxu 'l quddiem mingħajr ma tiġi introdotta xi emenda għall-proposta tal-Kummissjoni biex jitħassar l-għoti ta' setgħat.

IV. KONKLUŻJONIJIET

99. Il-Presidenza tqis li sar progress sinifikanti fir-rigward tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'appoġġ proviżorju għal approċċ ġenerali dwar l-artikoli ġenerali tal-Proposta, kif ukoll l-għaxar Taqsimiet tal-Anness tagħha msemmija hawn fuq.
100. Dan huwa pass sostanzjali lejn il-kisba tal-oġettivi tal-FII dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tingħata prijetà għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, ħtieġa rikonoxxuta mit-tliet istituzzjonijiet (paragrafu 27 tal-FII).

Il-COREPER u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress tal-Presidenza.